MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Numru. 37/2005

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**V**

**MARY STELLA CINI**
**ROSALINE CEFAI**
**DORIANNE CEFAI**
**JOSEF CEFAI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MARY STELLA CINI** ta' tlieta w sittin sena, bint Carmel Vella u Carmela nee' Saliba, mwielda Zebbug, Ghawdex, nhar il-hdax ta' Mejju 1942 u residenti 'Redentur', Triq Ta' Zaqi, Zebbug, Ghawdex, detentrici ta' karta tal-identita numru 36642G, **ROSALINE CEFAI** ta' erbghin sena, bint Victor u Mary Stella nee' Vella, mwielda Victoria, Ghawdex, nhar is-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1965 u residenti 'Qajru House', Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, detentrici ta' karta tal-identita numru 39665G,

**DORIANNE CEFAI** ta’ sbatax il-sena, bint Carmel u Rosaline nee’ Cini, mwielda Victoria, Ghawdex, nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Gunju 1988 u residenti ‘Qajru House’, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, detentrici ta' karta tal-identita numru 28488G u **JOSEF CEFAI** ta’ sittax il-sena, bin Carmel u Rosaline nee’ Cini, mwieled Victoria, Ghawdex, nhar it-tmienja ta’ Gunju 1989 u residenti ‘Qajru House’, Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 36489G gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. f’Ghawdex, fil-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 filghodu, kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Lynette u Rita Portelli;

2. talli fl-istess data, lok u hinijiet voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta’ Lynette Portelli;

3. Lil **Rosaline Cefai wahedha** talli fl-istess data, lok u hinijiet, voluntarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta’ Joe Portelli;

4. Lil **Josef Cefai wahdu**, talli fl-istess data, lok u hinijiet, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin ghad-dannu ta’ Joe u Rita Portelli.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, il-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta’ Frar 2006 (fol. 18) esibit bhala Dok. CSH sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-tnejn ta' Frar 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 6 et seq tal-atti).

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu 2010.

Ikkunsidrat:

Illi **Rita Portelli** xehdet nhar it-tnejn ta' Frar 2006 (fol. 11) fejn qalet li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, l-imputata Rosaline Cefai bdiet taghti bl-ixkupa fuq zewg vetturi proprjeta taghhom li kienu pparkjati faccata tal-bieb t'ommha u cioe' Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex, u kissret il-*windscreen*, il-mera w s-*shades* li kien hemm fuq il-bieba tal-vettura Escort bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872, tar-ragel taghha (tax-xhud). Qalet li din kienet ghamlet wkoll hsara fuq il-vettura ta' bintha u cioe' Fiat Punto li pero' n-numru ta' registrazzjoni taghha ma kienetx tafu ghalkemm stqarret li hija ta' kulur iswed. Ziedet tghid li l-imputat Josef Cefai qasam it-*tyre* tal-vettura ta' bintha wkoll. Qalet li fil-fatt ratu ma' genb dan it-tyre u meta bintha marret issuq, rat it-*tyre* mifqugh. Qalet li fil-fatt Rosaline Cefai girfet il-vettura ta' bintha mill-genb u dan bl-istess lasta tal-ixkupa li wzat biex taghmel d-danni fil-vettura ta' zewgha. Qalet li bintha xi hin harget biex tnehhi l-karozza minn hemmhekk u l-imputati Maria Stella Cini u Rosaline Cefai bdew jaghtuha bl-istess lasta tal-ixkupa filwaqt li Dorianne Cefai u Josef Cefai bdew jigbduha minn xagharha. Qalet li hi wara harget biex ma thallihomx jaghtu lil bintha aktar u spiccaw bdew jaghtu lilha wkoll bil-lasta tal-ixkupa. Dorianne Cefai bdiet tigbidha minn xagharha, nezzghatilha l-imsielet minn widnejha u hadithomlha, waqqghetilha l-arlogg mal-art w in-nuccali. Qalet li sussegwentement rat lil Rosaline Cefai tigbor in-nuccali minn hdejn il-bieb tal-garaxx. Ziedet tghid li hi (ix-xhud) fil-fatt kienet daret mat-truck tal-haxix li kien hemm barra qrib d-dar u wara kien mar Josef Cefai

isabbat mal-bieb tal-garaxx u kisser bicca mill-bieb tal-garaxx li hu tal-aluminium. Ix-xhud esibiet ritratt tal-bieb tal-garaxx u xi ritratti ohra tal-vettura bhala Dok. ST 1, 2, 3 u 4. Kompliet tghid li lilha wara haduha l-isptar u Dorianne Cefai kienet marret tfittixha hemmhekk ukoll u gibditha ‘l barra minn xagharha u ma halliethiex tidhol l-isptar u kienu l-pulizija li hargu lilhom ‘l barra. Qalet li hi kienet ghaddiet ic-certifikati medici taghha u ta’ bintha, kif wkoll stima tal-hsarat fuq il-vetturi u l-bieb tal-garaxx lil Ispettur Antonello Grech. Qalet li r-ritratti tal-feriti li sofriet gew esibiti fil-kumpilazzjoni li kienet ghadha *sub judice*, liema feriti kienu jikkonsistu f’daqqiet.

Mistoqsija tghid min kien hemm aktar fi Triq Zaki, wiegbet li ma kienetx taf ghalkemm kien hemm hafna nies. Qalet li pero’ x’hin kienet qed taqla’ d-daqqiet, ma kien hemm hadd ferut fit-triq. Mistoqsija mid-difiza jekk ratx bniedem ferut b’bullets f’zaqqu, wiegbet li ma ratx.

Illi nhar t-tnejn ta’ Frar 2006 xehdet **Lynette Portelli** (fol. 14) fejn qalet li dakinhar tal-incident, l-imputata Rosaline Cefai bdiet taghti fuq il-karozza taghha li hi tal-marka Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni ELX 999, u fuq dik ta’ missierha b’lasta ta’ xkupa, meta dawn kienu pparkjati fit-triq fejn joqoghdu cioe’ Triq Zaki, z-Zebbug. Ix-xhud qalet li hi kienet harget tressaq il-karozzi biex ma tkomplix taghti fuqhom u Rosaline Cefai bdiet taghti lilha bl-istess lasta ta’ xkupa. Ziedet tghid li sussegwentement harget omm Rosaline Cefai, Maria Stella Cini b’lasta wkoll, u hargu wkoll Dorianne Cefai u Josef Cefai u bdew jaghtu u jghajjtu li kienu ser joqtluha u li kienu ser isibuha wahedha u joqtluha. Qalet li hi kienet ressqet il-karozza taghha fil-genb u dahlet fil-garaxx u li sadanitant dawn baqghu jaghtu fuq il-bieb tal-istess garaxx. Qalet li hi kienet marret l-isptar wahedha u meta waslet hemmhekk, sabet lil Dorianne Cefai, lil Maria Stella Cini u lil Rosaline Cefai hemmhekk u waqt li kienet hemmhekk dawn bdew jaghtuha b’idejhom. Qalet li kien hemm pulizija fuq il-post li gabruha minn mal-art. Ziedet tghid li lil Josef Cefai hi ratu jghajjat u jirrikatta biss waqt li kienet ghadha ma’ genb id-dar.

Mistoqsijja mill-Qorti jekk ratx lil Josef Cefai jaghmel xi haga fuq xi karozza ta' xi hadd, wiegbet li dak l-hin hi kienet mifxula u ma ratx. Qalet li kienet Rosaline Cefai li bdiet taghti fuq il-karozzi bil-lasta u lil Maria Stella Cini ratha biss bil-lasta f'idejha. Qalet li dak il-hin hi kien mohhha f'missierha. Qalet li kienet qalghet diversi daqqiet minghandha u li meta hi harget, marru l-imputati fuqha u harget ommha biex tipprotegiha u spiccaw jaghtu lilha wkoll.

Illi nhar id-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2009, xehed l-imputat **Josef Cefai** (fol. 90) fejn cahad li qatt ma resaq lejn jew ghamel hsara fuq xi karozza kif kien gie akkuzat.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2009, xehdet l-imputata **Maria Stella Cini** (fol. 91) fejn cahdet li kienet marret l-isptar ghaliex fil-fatt hi qaghdet id-dar il-hin kollu. Cahdet dak li qalet Lynette Portelli li hi kienet gibditha minn xagharha f'xi hin. Qalet li hi fl-ebda hin m'ghamlet xi haga. Qalet li Joe Portelli kien mar fuqha u beda jigbidha minn xagharha, u kienet marret Dorianne Cefai, it-tifla ta' bintha u nehhietu minn fuqha u dan spicca jaghti lilha wkoll. Qalet li dan kollu sehh meta Joe Portelli kien spara lil binha. Qalet li meta hi harget kienet rat li kien hemm Joe Portelli barra u binha qalilha li dan kien qal li kien ser joqtolhom u binha dar fuqha u qalilha biex tidhol 'l gewwa ghaliex Joe Portelli kellu *revolver* f'idejh. Qalet li ghalhekk hi marret hdejn t-tieqa tal-karozza biex tipprova tigbed ir-*revolver* pero' ma rnexxilhiex. Qalet li kif daret, sabet lil binha Frankie u lil Joe f'xulxin w imbaghad irnexxilha tiftahlu jdejh u haditlu r-*revolver* minn idejh u haditu ghand bintha w ghaddietu lil pulizija.

Qalet li dak l-hin Joe Portelli kien spara lejn binha Frankie. Ziedet tghid li Rita Portelli kienet waslet fuq il-post wara ghaliex meta hi kienet qed tiehu r-*revolver* minn idejn Joe Portelli, hi kienet ghadha gejja. Qalet li sa dak il-hin hi kienet ghadha ma messithiex lil Rita Portelli, izda wara kulhadd beda jaghti fuq xulxin.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2009, xehdet l-imputata **Dorianne Cefai** (fol. 92) fejn qalet li fl-ebda hin

ma messet proprjeta’ ta’ terzi jew ghamlet xi hsara. Cahdet li huma dahlu gewwa l-isptar, u qalet li kienu qaghdu hdejn il-bieb tal-emergenza barra. Qalet li ta’ Portelli kienu mill-bieb tal-Emergenza ‘l gewwa w ghalhekk ma kienx hemm kuntatt bejniethom, u ghalhekk ma kellhomx kuntatt ma’ ta’ Portelli. Mistoqsija jekk f’xi hin messitx lil Lynette Portelli wiegbet li geġwiġija fuq xulxin kien hemm. Qalet li hi kienet rat lil nannitha taht Portelli u tigi migbuda minn xagharha u naturalment marret tipprotegiha. Qalet li dan kien fit-triq mhux l-isptar. Qalet li meta rat lil nannitha hekk, marret tghinha u meta rnexxielha tnehhi lil nannitha minn tahtu, dan qabad jaghti lilha wkoll. Qalet li sussegwentement marru l-mara ta’ Portelli u binthom u hi (x-xhud) ma rieditx li hu jmiss il-karozza min-nofs u dan beda jghajjat ‘tajjarhom u oqtolhom’. Qalet li meta waslu l-pulizija fuq il-post, ta’ Portelli kienu lahqu mexxew il-karozzi min-nofs u huma kienu diga lahqu ccaqalqu minn hemm ukoll ghaliex kien ser isuq ghal fuqhom.

Qalet li sadanitant Portelli hareg b’senter iehor w ghamlu ma’ rasha u hi telqet tigri f’kantuniera u dan gie mill-kantuniera l-ohra mill-faccata. Qalet li z-ziju taghha kien ferut fl-art b’zewg tiri u kellu hafna demm hiereg minn zaqqu u meta ttawwlet rat lil Joe Portelli b’senter ma’ ras ħuha Josef Cefai. Qalet li ma kienx *revolver* izda senter. Kompliet tghid li xi hin waslet l-ambulanza fuq il-post Joe Portelli rikeb fiha meta fil-fatt ma kellux griehi. Qalet li demm kellu ghaliex kulhadd kien imcappas bid-demm, pero’ d-demm li kien hemm kien taz-ziju taghha Frankie Cini.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Lulju 2009, xehdet l-imputata **Rosaline Cefai** (fol. 94) fejn qalet li hi tigi bint l-imputata Maria Stella Cini u omm Dorianne Cefai u Josef Cefai. Ikkonfermat li ommha, ma kienetx l-isptar maghha meta marru hemmhekk. Ftakret li ommha kienet marret tigri ghandha tghidilha li Frankie kien qed imut ghaliex kien sparalu Joe Porteli. Qalet li dak il-hin hi marret tqajjem lil bintha Dorianne Cefai u din telqet tigri qabilha, ghaliex hi (ix-xhud) kellha tifel ta’ sentejn u nofs u hallietu mal-girien. Ix-xhud kompliet tghid li meta waslet fuq il-

post rat lil Frankie kollu demm fuq il-bankina. Qalet li fl-ebda hin ma rat lil uliedha jew lil ommha jaghmlu xi hsara fuq il-proprjeta ta' terzi. Qalet li lanqas rathom jaghtu lil Lynette Portelli u kull ma rat kien lil Joe Portelli jaghti lil ommha u dan billi qabadha minn xagharha u qataghha mill-art. Qalet li bintha kienet marret tipprova twaqqfu u spiccat qalghet xebgha wkoll minghandu. Qalet li xi hin, Joe Portelli skappa u mar igib senter li kien hemm wara l-bieb. Qalet li fl-ebda hin ma rat xi lasta ta' xkupa fin-nofs. Qalet li taf li rat lil Rita Portelli tghajjat u tiftah idejha u tghid 'x'se naghmlu' u Lynette Portelli kienet fil-vann biex tnehhih min-nofs. Ikkonfermat li fl-ebda hin ma gew fl-idejn salv qabel ma waslet Rita Portelli u bdiet timbutthom.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq kredibilita' tax-xhieda . Il-Prosekuzjoni qed tghid li l-imputati kkagunaw hsara fuq il-proprjeta tal-kwerelanti principalment waqt li l-kwerelanti qed jichdu dan kollu. Il-prosekuzzjoni esebiet numru ta' ritratti li jindikaw il-hsara li kienu qed jilmentaw minnha l-kwerelanti konsistenti f'xi daqqiet fil-bieb tal-aluminium u xi hsarat fuq il-vettura tal-kulur abjad numru ta regsitrazzjoni FBG- 872. Illi minn ezami ta' dawn il-proceduri ma jirrizultax li giet esebita xi stima tal-allegati hsarat fuq il-vettura . Minn ezami tat-tliet ritratti esebiti lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi hsarat. Ghalkemm jidher car li fil-bieb tal-aluminim kien hemm xi hsara minima li possibilment giet kagunata b'xi daqqiet. Ghalhekk ir-ritratti zgur ma jikkorroborawx dak li qalu l-kwerelanti ghar-rigward il-vettura.

Illi l-imputati jghidu li kien hemm tgegwigija u kulhadd beda jaghti lil xulxin . Zgur illi, kif jghidu l-imputati, kien hemm genn shih, ghaliex proprju dak il-hin kien gie milqut Frankie Cini, qarib tal-imputati b'xi senter u kien ferut bid-dmija hiereg minn zaqqu u ghalhekk kollha kienu mohhhom fih sabiex jittiehed l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Rita Portelli tghid li  rat lill-imputat Josef Cefai jaghti fuq il-bieb tal-aluminium, u ghalhekk wisq probabbli l-hsara murija fir-ritratt fuq dan il-bieb giet ikkagunata minnu. Josef Cefai fl-ebda hin ma jichad li laqat il-bieb tal-aluminium, anzi meta xehed cahad li mess il-vettura izda dwar il-bieb ma jghid xejn.

Illi dwar l-akkuza li huma kkawzaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lynette Portelli u Rita Portelli, il-Qorti tosserva li ma xehed l-ebda tabib sabiex jikkonferma li effettivament dawn kellhom xi feriti, u lanqas ma gie esebit xi certifikat mediku li jitfa' dawl fuq x'tip ta' feriti seta' kellhom.

**Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi partikolarment l-artikoli 221(1), 325 (b), 383, 384  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat JOSEF CEFAI hati talli kkaguna hsara fil-bieb tal-aluminium, pero' stante li ma giex provat il-*quantum* tal-hsara l-Qorti qed issibu hati talli kkaguna hsara li ma tammontax ghal aktar minn tlieta u ghoxrin Euro (€23) u tilliberah mill-akkuzi l-ohra, filwaqt li tiddikjara li ma ssibx lill-imputati MARY STELLA CINI, ROSALINE CEFAI, DORIANNE CEFAI u JOSEF CEFAI hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom.**

**Il-Qorti qed tikkundana lil JOSEF CEFAI ihallas is-somma ta' sittin Euro (€60) multa ghall-akkuza li nstab hati taghha.  Tordnalu wkoll sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Joseph u Rita Portelli ghal perjodu ta' sena mill-lum taht il-provvedimenti tal-artikolu 383(1) u 386 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht penali ta' mitejn  u tlieta u tletin euro  (Euro 233) fin-nuqqas.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------